MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 32/2004

**JB Stores Limited**

**-vs-**

**Victor Hili ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Victor Hili & Sons Limited**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf disa' mija sebgha u sebghin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm1977.87) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici kif jirrizulta mill-annessi prospetti mmarkati Dok A u Dok B nonostante illi giet interpellata sabiex thallas, is-socjeta' konvenuta, tramite d-direttur taghha Victor Hili, effettwat biss zewg pagamenti akkont ta' mitjen

Lira Maltin (Lm200) u mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) rispettivament fis-26 ta' Lulju 2004 u s-26 ta' Awissu 2004 biex il-bilanc dovut wasal ghall-figura ta' elf disa' mija sebgha u disghin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm1977.87) fuq indikata.

Illi nonostante diversi weghdiet ta' hlas da parti ta' Victor Hili, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, il-bilanc dovut baqa' pendenti sal-lum.

Bl-ispejjez kontra l-socjeta' konvenuta, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tal-fatturi ndikati fuq il-prospett immarkat Dok A, sal-gurnata tal-hlas effettiv.

Is-socjeta' konvenuta hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-riferta tan-notifika tas-socjeta' konvenuta biex tidher ghas-seduta tal-14 ta' Jannar 2005, f'liema seduta ma deher hadd biex jikkontesta t-talba.

Rat il-kapitoli pprezentati ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta li gew approvati fis-seduta tat-3 ta' Frar 2005, ghal-liema seduta rega' ma deher hadd ghas-socjeta' konvenuta biex iwiegeb ghall-kapitoli.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Peress illi jidhriliha illi t-talbiet attrici huma gustifikati.

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf disa' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm1977.87) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tal-fatturi ndikati fuq il-prospett

market Dok A ipprezentat mal-kawza sal-gurnata tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------